MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 14/2010

**Martin Delia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Gunju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti
>
> Ikkunsidera

> Issir riferenza ghall-decizjoni moghtija fil-kaz numru 171/10 llum stess u tigi addottata ghal dan il-kaz ukoll.
>
> L-appell qed jigi michud."

L-appell odjern tar-rikorrenti Martin Delia huwa identiku ghal dak l-iehor Numru 16/10 bejn l-istess partijiet u kontestwalment deciz, salv ghal fatt illi f'dan il-kaz si tratta minn beneficcju ta' Allowance Supplimentari;

Maghdud dan, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-fatti segwenti:-

1. L-applikazzjoni ta' l-appellanti ghal dak il-beneficcju jidher li saret fit-2 ta' April 2009; mentri b'ittra tas-26 ta' Jannar, 2010 d-Direttur ippremetta li l-appellanti thallas biz-zejjed is-somma ta' €576.28 ghall-perijodu mis-7 ta' Lulju 2007 sat-2 ta' April, 2010;

2. Barra minn dan sew f'dik l-ittra kif ukoll fl-ittra precedenti tieghu tal-21 ta' Jannar 2010 d-Direttur gab b'motiv ghall-waqfien tal-beneficcju l-fatt li l-appellanti ma kienx qed jifforma familja ghal rasu;

3. Kien biss fit-twegiba tieghu (1 ta' Gunju 2010) ghall-appell ipprezentat mill-appellanti fit-18 ta' Frar 2010 lill-Arbitru illi d-Direttur talab korrezzjoni fis-sens li ma' dak il-motiv jigi mizjud motiv iehor ghad-decizjoni tieghu fis-sens illi l-appellanti ma kienx qieghed jabita fl-indirizz moghti minnu (23 Triq ic-Cimiterju, Paola);

4. Intant, minn ebda verbal ma jirrizulta illi l-Arbitru awtorizza d-debita korrezzjoni u/jew li l-appellanti accetta dak il-motiv agguntiv;

In-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-korrezzjoni debita kellha ggib b'konsegwenza f'dan il-kaz partikolari, u tali qed jigi

sollevat *ex officio* illi l-Arbitru kellu jissofferma ruhu biex jistharreg u jepura l-gravam lilu sottopost in kwantu bazat fuq il-kontestazzjoni ta' l-uniku motiv dedott bl-ittri imsemmija (21.01.10 u 26.01.10), ossija li d-Direttur ma kienx sodisfatt li l-appellanti kien qieghed jifforma familja ghal rasu. Meta l-Arbitru ma zammx ruhu fl-argini tad-dedott u tal-mitlub jigi li skonfina ruhu mil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod li okkupa ruhu – dak relattiv ghall-indirizz residenzjali – li d-Direttur ma ssollevax, fid-decizjoni originarja tieghu, u li minnha tressaq mill-appellanti l-gravam lill-Arbitru;

Gjaladarba l-kwestjoni kellha tibqa' wahda ristretta ghall-motiv indikat f'dawk l-ittri espositivi tad-decizjoni tad-Direttur, una volta li din il-Qorti ddeterminat bil-konsiderandi taghha fl-Appell taghha Numru 16/10 illi dak l-istess motiv ma kienx tenibbli, ghandu jsegwi illi s-sentenza appellata ma hijiex gustifikata u ghandha titwarrab.

Ghal motivi predetti l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata mhassra bl-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------